II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/760

tas-17 ta' Diċembru 2019

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-importazzjoni u l-esportazzjoni soġġetti għal liċenzji u li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-depożitu ta' garanziji fl-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 185, l-Artikolu 186, u l-Artikolu 223(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikoli 64(6) u 66(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jistipula regoli dwar il-ġestjoni tal-kwoti tariffarji u t-trattament speċjali tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi. Dan jagħti wkoll is-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati u ta' implimentazzjoni relatati, sabiex tiġi żgurata l-ġestjoni bla xkiel tal-kwoti tariffarji.

(2) Sabiex tkun iggarantita ġestjoni tajba tal-kwoti tariffarji, jeħtieġ li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti tal-eliġibbiltà li operatur għandu jissodisfa biex jissottometti applikazzjoni għal-liċenzja fi ħdan kwota tariffarja.

(3) Sabiex jiġi żgurat li l-obbligu tal-importazzjoni jew l-esportazzjoni jkun osservat fil-perjodu tal-validità tal-liċenzja, il-liċenzji fi ħdan il-kwoti tariffarji għandhom jinħarġu soġġetti għad-depożitu ta' garanzija. Jeħtieġ li jiġu stabbiliti derogi għall-każijiet meta l-liċenzja tal-esportazzjoni tkun maħsuba biss biex tipprova l-oriġini tal-Unjoni tal-prodotti esportati. Għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet dwar ir-rilaxx u t-telf tal-garanzija ppreżentata għall-parteċipazzjoni fil-kwoti tariffarji.

(4) Sabiex tiġi żgurata t-trasparenza u biex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jidentifikaw ksur tar-regoli għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji, u b'mod partikolari tar-rekwiżiti tal-eliġibbiltà, huwa xieraq li għal ċerti kwoti tariffarji soġġetti għal domanda eċċessiva, ikun meħtieġ li l-isem u l-indirizzi tad-detenturi tal-liċenzji jiġu ppubblikati fuq is-sit web uffiċjali tal-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien limitat.

(5) Sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli dwar l-eliġibbiltà fi ħdan il-kwoti tariffarji, huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi rigward it-trasferibbiltà ta' liċenzja fi ħdan il-kwoti tariffarji. It-trasferimenti għandhom ikunu possibbli biss għaċ-ċessjonarji li jissodisfaw l-istess kriterji ta' eliġibilità bħall-applikant għal liċenzja fi ħdan kwota tariffarja.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549.

(6) Sabiex jiġu minimizzati l-applikazzjonijiet spekulattivi, waħda mill-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' liċenzja fi ħdan ċerti kwoti tariffarji elenkati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/761 ([3]) għandha tkun l-esperjenza u l-involviment preċedenti ta' operatur fil-kummerċ ikkonċernat ma' pajjiżi terzi. Għalhekk jeħtieġ li jiġu stabbiliti regoli ddettaljati rigward il-prova tal-esperjenza minima f'dak il-kummerċ ma' pajjiżi terzi.

(7) Ċerti kwoti tariffarji huma kkunsidrati bħala sensittivi, fost raġunijiet oħra minħabba li hemm domanda eċċessiva għalihom f'perjodu tal-kwota, inkella f'subperjodu wieħed jew aktar, minħabba li jikkonċernaw prodott jew pajjiż ta' oriġini ta' importanza partikolari għall-funzjonament tajjeb tas-suq tal-Unjoni, jew minħabba li fil-passat ir-regoli għall-amministrazzjoni tagħhom ġew evitati jew applikati b'mod skorrett. Biex tiġi żgurata l-amministrazzjoni xierqa ta' dawk il-kwoti tariffarji sensittivi, b'mod partikolari biex jitnaqqas ir-riskju ta' evażjoni tar-regoli u biex l-operaturi ġodda, żgħar u ta' daqs medju jibbenefikaw minn dawk il-kwoti tariffarji, il-kwantitajiet massimi li għandhom jiġu applikati għandhom jiġu stabbiliti fil-forma ta' kwantità ta' referenza. Għandhom jiġu stipulati wkoll regoli għall-kalkolu u prova tal-kwantità referenzjali.

(8) Il-kwantità ta' referenza għandha tkopri kemm il-kwantitajiet tal-prodotti rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa fl-Unjoni skont ir-reġim preferenzjali tal-kwota tariffarja kkonċernata kif ukoll il-kwantitajiet tal-istess prodotti rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni skont ir-reġim MFN mhux preferenzjali. Irid jitqies ukoll li tiġi assigurata distribuzzjoni raġonevoli ta' liċenzji bejn kategoriji differenti ta' operaturi, b'mod partikolari billi jiġi assigurat l-aċċess ta' importaturi ġodda u operaturi żgħar u ta' daqs medju. Għalhekk jeħtieġ li jiġi introdott limitu tal-kwantità ta' referenza totali għal kull operatur, li għandu jkun proporzjonat għall-kwantità totali disponibbli taħt kwota tariffarja speċifika, li jiżgura bilanċ raġonevoli bejn il-prestazzjoni ta' importazzjoni ta' importaturi kbar u l-interessi ta' importaturi ġodda u dawk żgħar li jixtiequ jibbenefikaw mill-kwota tariffarja. Biex tiġi assigurata l-kontinwità mar-regoli applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u fl-istess ħin biex jiġu armonizzati dawk ir-regoli, filwaqt li jinżamm ċertu grad ta' flessibbiltà, ġie stabbilit li l-limitu tal-kwantità ta' referenza totali jkun15 %.

(9) Sabiex jiġu ġestiti aħjar il-kwoti tariffarji u tiġi skoraġġita l-ispekulazzjoni bil-liċenzji u l-evitar tar-regoli għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji, huwa xieraq li, għal ċerti kwoti tariffarji soġġetti għal domanda eċċessiva elenkati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761, ikun meħtieġ li l-operaturi jirreġistraw f'sistema elettronika apposta qabel ma japplikaw għal liċenzja ta' importazzjoni. Għandhom jiġu stabbiliti regoli dwar il-ħżin ta' *data* f'dik is-sistema elettronika. Huwa xieraq ukoll li jiġi stipulat li operaturi li mhumiex marbuta ma' operatur ieħor li japplika għall-istess kwota tariffarja u operaturi li huma marbuta ma' operatur ieħor li japplika għall-istess kwota tariffarja, iżda li jwettqu regolarment attivitajiet ekonomiċi sostanzjali fir-rigward ta' partijiet terzi biss jistgħu japplikaw għal-liċenzji tal-importazzjoni skont dawk il-kwoti. Għal dan il-għan, dawn għandhom jippreżentaw dikjarazzjoni ta' indipendenza meta japplikaw għal liċenzja tal-importazzjoni. Għandu jiġi stipulat il-format tad-dikjarazzjoni ta' indipendenza.

(10) Sabiex jiġi żgurat li l-kwantità referenzjali, id-dikjarazzjoni ta' indipendenza u r-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni obbligatorja minn qabel, ma jxekklux l-użu sħiħ tal-kwoti tariffarji kkonċernati, huwa xieraq li tkun prevista s-sospensjoni ta' dawk ir-rekwiżiti f'ċirkostanzi eċċezzjonali.

(11) Sabiex jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet speċifiċi meħtieġa għal trattament speċjali għall-importazzjoni f'pajjiż terz jiġu ssodisfati, huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli dwar il-ħruġ ta' liċenzji tal-esportazzjoni.

(12) Sabiex jiġi żgurat li l-applikanti jipprovdu dokumenti u informazzjoni preċiżi, aġġornati u veri, huwa xieraq li tiġi pprovduta sistema ta' penali proporzjonata għan-nuqqas ta' konformità ma' dak l-obbligu.

(13) Sabiex tiġi żgurata amministrazzjoni effettiva tal-kwoti tariffarji, huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli dwar l-informazzjoni li għandha tiġi nnotifikata mill-Istati Membri lill-Kummissjoni.

(14) L-adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall mal-UE rriżultat fl-applikazzjoni ta' ostakli tariffarji komuni tal-UE għall-importazzjonijiet Spanjoli u Portugiżi u t-telf tal-kompetittività għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi li mhumiex fl-UE. Fil-kuntest tal-ftehimiet konklużi taħt iċ-Ċiklu tal-Urugwaj dwar negozjati kummerċjali multilaterali, l-Unjoni ppermettiet importazzjonijiet annwali ta' 2 000 000 tunnellata ta' qamħirrum u 300 000 tunnellata ta' sorgu lejn Spanja u importazzjonijiet annwali ta' 500 000 tunnellata ta' qamħirrum lejn il-Portugall. Fil-każ tal-kwoti għall-importazzjonijiet fi Spanja, il-kwantitajiet ta' ċerti sostituti tal-qamħ importati fi Spanja għandhom jiġu mnaqqsa mit-total ta' kwantitajiet importati.

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/761 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1306/2013, (UE) Nru 1308/2013 u (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema ta' ġestjoni tal-kwoti tariffarji bil-liċenzji (ara l-paġna … ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

(15) Sabiex tiġi żgurata amministrazzjoni tajba ta' dawn il-kwoti, għandhom jintużaw metodi simili ta' kif jitqiesu l-importazzjonijiet tal-qamħirrun u tas-sorgu fi Spanja u fil-Portugall. Barra minn hekk, il-kwantitajiet importati skont atti li permezz tagħhom l-Unjoni tat konċessjonijiet kummerċjali speċifiċi m'għandhomx jitqiesu.

(16) Meta jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tal-kwoti tariffarji mingħajr dazju għall-importazzjoni tal-qamħirrum u s-sorgu fi Spanja u fil-Portugall, huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi dwar l-użu tal-prodotti importati, is-sorveljanza doganali u l-kontrolli amministrattivi, is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji, il-garanziji li għandhom jiġu ppreżentati għal tali liċenzji, ir-rilaxx u t-telf ta' dawk il-garanziji u l-informazzjoni li għandha ssir disponibbli lill-operaturi.

(17) Peress li dan ir-Regolament jissostitwixxi r-regoli eżistenti għall-ġestjoni tal-kwoti tariffarji, l-atti tal-Unjoni li fihom dawk ir-regoli għandhom jiġu rrevokati.

(18) Sabiex jiġi evitat tfixkil fil-flussi kummerċjali, jeħtieġ li tiġi prevista l-applikazzjoni kontinwa tal-atti rrevokati għal-liċenzji tal-importazzjoni li nħarġu abbażi ta' dawk l-atti qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Għall-istess fini, huwa xieraq li l-awtoritajiet li joħorġu l-liċenzji jkunu jistgħu jistabbilixxu l-kwantità referenzjali skont l-atti rrevokati matul l-ewwel żewġ perjodi tal-kwoti tariffarja wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(19) Sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel għar-regoli previsti f'dan ir-Regolament, biex jiġi ssodisfat l-obbligu li jiġu nnotifikati r-regoli l-ġodda lill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ qabel l-applikazzjoni tagħhom u biex l-operaturi jingħataw żmien biżżejjed biex jadattaw ruħhom għall-obbligu li jirreġistraw f'sistema elettronika apposta u jissottomettu dikjarazzjoni ta' indipendenza permezz ta' dik is-sistema elettronika għal ċertu kwoti tariffarji mitluba żżejjed, huwa xieraq li tiġi differita l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sal-1 ta' Jannar 2021,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

Dispożizzjonijiet introduttorji

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli li jissupplimentaw r-Regolamenti (UE) Nru 1306/2013 u (UE) Nru 1308/2013, rispettivament, fir-rigward ta':

(a) il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti tal-eliġibbiltà li operatur għandu jissodisfa biex jippreżenta applikazzjoni fi ħdan il-kwoti tariffarji elenkati fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761;

(b) regoli dwar it-trasferiment ta' drittijiet bejn l-operaturi;

(c) il-preżentazzjoni u r-rilaxx ta' garanziji;

(d) il-provvediment, fejn meħtieġ, għal kwalunkwe karatteristika speċifika, rekwiżit jew restrizzjoni partikolari applikabbli għall-kwota tariffarja;

(e) Il-kwoti tariffarji speċifiċi stipulati fl-Artikolu 185 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

Artikolu 2

Regoli oħra applikabbli

Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) u r-Regolamenti Delegati tal-Kummissjoni (UE) Nru 907/2014 ([5]), (UE) 2015/2446 ([6]) u (UE) 2016/1237 ([7]) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1239 ([8]) għandhom japplikaw, sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan ir-Regolament.

KAPITOLU II

Regoli komuni

Artikolu 3

Kundizzjonijiet u rekwiżiti ta' eliġibbiltà

1. L-operaturi li japplikaw għal liċenzja tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni fi ħdan kwota tariffarja għandhom ikunu stabbiliti u rreġistrati għall-finijiet tal-VAT fl-Unjoni. Dawn għandhom jippreżentaw l-applikazzjoni tagħhom għal liċenzja lill-awtorità li toħroġ l-liċenzji tal-Istat Membru tal-istabbiliment tagħhom u r-reġistrazzjoni tal-VAT tagħhom (minn hawn 'il quddiem "l-awtorità li toħroġ il-liċenzji").

2. Meta operatur japplika għal liċenzja fi ħdan kwota tariffarja li tkun soġġetta għall-prova tar-rekwiżit tal-kummerċ stabbilit fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761, dan għandu jippreżenta, flimkien mal-ewwel applikazzjoni għal liċenzja fi żmien kull perjodu tal-kwota tariffarja, prova tal-kummerċ skont l-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament.

3. Meta operatur japplika għal liċenzja tal-importazzjoni fi ħdan kwota tariffarja li tkun soġġetta għar-rekwiżit tal-kwantità referenzjali stabbilit fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761, dan għandu jippreżenta, flimkien mal-ewwel applikazzjoni għal liċenzja, id-dokumenti meħtieġa fl-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament għall-istabbiliment tal-kwantità referenzjali.

4. Meta operatur japplika għal liċenzja tal-importazzjoni fi ħdan kwota tariffarja li għaliha tkun meħtieġa reġistrazzjoni minn qabel tal-operaturi skont l-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761, dan għandu jiġi rreġistrat skont l-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament qabel ma tiġi ppreżentata dik l-applikazzjoni.

5. Huma biss l-operaturi li jissodisfaw ir-rekwiżit ta' indipendenza stabbilit fl-Artikolu 11 u li jippreżentaw dikjarazzjoni ta' indipendenza skont l-Artikolu 12 li jistgħu japplikaw għal kwoti tariffarji li għalihom tkun meħtieġa reġistrazzjoni minn qabel tal-operaturi.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, ir-reġistrazzjoni minn qabel tal-operaturi m'għandhiex tkun meħtieġa meta r-rekwiżit tal-kwantità referenzjali msemmi fil-paragrafu 3 ikun ġie sospiż skont l-Artikolu 9(9).

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

([5]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 907/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-Aġenziji tal-Pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-garanziji u l-użu tal-euro (ĠU L 255, 28.8.2014, p. 18).

([6]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 tat-28 ta' Lulju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli dettaljati li jikkonċernaw uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 1).

([7]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1237 tat-18 ta' Mejju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli għall-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni u li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli dwar ir-rilaxx u t-telf ta' garanziji ppreżentati għal tali liċenzji (ĠU L 206, 30.7.2016, p. 1).

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1239 tat-18 ta' Mejju 2016 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni u ta' esportazzjoni (ĠU L 206, 30.7.2016, p. 44).

Artikolu 4

Depożitu ta' garanzija

Il-ħruġ tal-liċenzji li ġejjin għandu jkun soġġett għad-depożitu ta' garanzija:

(a) liċenzji tal-importazzjoni;

(b) liċenzji tal-esportazzjoni għall-kwota tal-ġobon miftuħa mill-Istati Uniti tal-Amerika stabbiliti fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu 7 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761.;

(c) liċenzji tal-esportazzjoni għall-kwota tat-trab tal-ħalib miftuħa mir-Repubblika Dominikana stabbiliti fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu 7 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761..

Artikolu 5

Rilaxx u telf tal-garanziji

1. L-Artikolu 7 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/1237 għandu japplika għar-rilaxx u t-telf tal-garanziji għal liċenzja għal kwota tariffarja.

2. B'deroga mill-Artikolu 23(4) tar-Regolament Delegat (UE) Nru 907/2014, meta r-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni jew l-esportazzjoni mill-Unjoni jkunu seħħew fil-perjodu ta' validità tal-liċenzja, iżda l-limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni tal-prova ta' dak ir-rilaxx jew esportazzjoni jinqabeż, il-garanzija għandha tintilef bi 3 % għal kull jum kalendarju li matulu jinqabeż il-limitu ta' żmien.

3. Il-garanzija għandha tiġi rrilaxxata għall-kwantitajiet li għalihom ma tkunx inħarġet liċenzja wara l-applikazzjoni ta' koeffiċjent tal-allokazzjoni skont l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761.

Artikolu 6

Pubblikazzjoni ta' ismijiet ta' operaturi li jkollhom liċenzji għal kwoti tariffarji li għalihom tkun meħtieġa reġistrazzjoni minn qabel tal-operaturi

1. B'deroga mill-Artikolu 4(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1185 ([9]), fi tmiem kull perjodu tal-kwota tariffarja, il-Kummissjoni għandha tippubblika fuq is-sit web uffiċjali tagħha l-ismijiet, in-numri tar-Reġistrazzjoni u tal-Identifikazzjoni tal-Operaturi Ekonomiċi ("EORI") u l-indirizzi tal-operaturi li, matul il-perjodu preċedenti tal-kwota tariffarja, ikunu rċevew liċenzji għal kwoti tariffarji li jkunu jirrikjedu reġistrazzjoni obbligatorja tal-operaturi skont l-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761, kemm jekk bħala detenturi titolari jew bħala ċessjonarji.

2. Id-*data* msemmija fil-paragrafu 1 għandha titneħħa mis-sit web uffiċjali tal-Kummissjoni 12-il xahar wara l-pubblikazzjoni.

Artikolu 7

Trasferiment ta' liċenzji

1. Il-liċenzji tal-importazzjoni għandhom ikunu trasferibbli, ħlief għal-liċenzji tal-importazzjoni fi ħdan il-kwoti tariffarji għaċ-ċanga u l-vitella u l-laħam tal-majjal friski u ffriżati li joriġinaw mill-Kanada.

2. Il-liċenzji tal-esportazzjoni m'għandhomx ikunu trasferibbli.

3. Minbarra r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 6 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/1237, iċ-ċessjonarju għandu jkun stabbilit u rreġistrat għall-finijiet tal-VAT fl-Unjoni.

([9]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1185 tal-20 ta' April 2017 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1307/2013 u (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tan-notifiki lill-Kummissjoni tal-informazzjoni u d-dokumenti u li jemendaw u jħassru diversi Regolamenti tal-Kummissjoni (ĠU L 171, 4.7.2017, p. 113).

4. Meta t-trasferiment tal-liċenzja jikkonċerna kwoti tariffarji soġġetti għall-prova tar-rekwiżit tal-kummerċ, iċ-ċessjonarju għandu jipprovdi prova tal-kummerċ skont l-Artikolu 8.

5. Meta t-trasferiment tal-liċenzja jkun jikkonċerna kwoti tariffarji soġġetti għar-rekwiżit tal-kwantità referenzjali, iċ-ċessjonarju m'għandux ikun obbligat jipprovdi tali prova.

6. Meta t-trasferiment tal-liċenzja jkun jikkonċerna kwoti tariffarji li għalihom tkun meħtieġa reġistrazzjoni minn qabel tal-operaturi, iċ-ċessjonarju għandu jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin qabel it-trasferiment tal-liċenzja:

   (a) għandu jkun irreġistrat fis-sistema elettronika LORI msemmija fl-Artikolu 13;

   (b) għandu jkun ippreżenta d-dikjarazzjoni ta' indipendenza msemmija fl-Artikolu 12 għall-kwoti tariffarji kkonċernati mit-trasferiment tal-liċenzja,

   ħlief meta dawn ir-rekwiżiti jiġu sospiżi b'rabta mas-sospensjoni tar-rekwiżit tal-kwantità referenzjali skont l-Artikolu 9(9) ta' dan ir-Regolament.

7. Iċ-ċessjonarju għandu jipprovdi evidenza li jissodisfa r-rekwiżiti tal-eliġibbiltà stabbiliti fil-paragrafu 3, il-paragrafi 4 u 6 lill-awtorità li toħroġ il-liċenzji li tkun ħarġet il-liċenzja li trid tiġi ttrasferita.

   L-għoti tal-evidenza jista' jiġi ssimplifikat meta ċ-ċessjonarju jkun id-detentur titolari ta' liċenzja tal-importazzjoni oħra valida maħruġa skont dan ir-Regolament, għan-numru tal-ordni tal-kwota tariffarja u għall-perjodu tal-kwota tariffarja kkonċernati. F'tali każ, iċ-ċessjonarju jista' jitlob lill-awtorità tiegħu li toħroġ il-liċenzji, biex din tippreżenta kopja jew referenza għall-ekwivalenti elettroniku tal-liċenzja lill-awtorità taċ-ċedent li toħroġ il-liċenzji. Tali kopja għandha tikkostitwixxi evidenza suffiċjenti tal-fatt li jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti tal-eliġibbiltà stabbiliti fil-paragrafi 3, 4 u 6, irrispettivament minn jekk tkunx stampata jew f'format elettroniku.

8. Ladarba jsir it-trasferiment tal-liċenzja, il-kwantità rilaxxata għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni skont il-liċenzja għandha tiġi attribwita liċ-ċessjonarju bil-għan li tiġi stabbilita prova tal-kummerċ u l-kwantità referenzjali.

Artikolu 8

Prova tal-kummerċ

1. Meta japplikaw għal kwota tariffarja speċifika, l-operaturi għandhom jippruvaw li esportaw mill-Unjoni jew irrilaxxaw għal ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni kwantità minima ta' prodotti tas-settur ikkonċernat, kif elenkati fil-punti (a) sa (w) tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

   Il-kwantità minima ta' prodotti li għandhom jiġu esportati mill-Unjoni jew rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni f'kull wieħed miż-żewġ perjodi konsekuttivi ta' 12-il xahar li jintemmu xahrejn (2) qabel ma tkun tista' tiġi ppreżentata l-ewwel applikazzjoni għall-perjodu tal-kwota tariffarja hija stabbilita fl-Annessi II sa XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761.

   Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, għandu japplika dan li ġej:

   (a) għall-kwoti tariffarji tat-tewm elenkati fl-Anness VI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761, is-settur ikkonċernat għandu jkun is-settur tal-frott u l-ħxejjex kif elenkat fil-punt (i) tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013;

   (b) għall-kwoti tariffarji tal-faqqiegħ elenkati fl-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761, is-settur ikkonċernat għandu jkun is-settur tal-prodotti tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati kif elenkat fil-punt (j) tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-prova tal-kummerċ għandha tkopri:

   (a) għall-kwoti tariffarji tal-laħam taċ-ċanga u l-vitella elenkati fl-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761: il-perjodu ta' 12-il xahar li jintemm xahrejn (2) qabel ma tista' titressaq l-ewwel applikazzjoni għall-kwota tariffarja;

(b) għall-kwota tal-importazzjoni tal-laħam tal-majjal tal-Kanada, miftuħa bin-numru tal-ordni 09.4282: minbarra l-prodotti mis-settur tal-laħam tal-majjal kif iddefiniti fil-punt (q) tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 0201, 0202, 0206 10 95 jew 0206 29 91;

(c) għall-kwota ta' esportazzjoni ta' trab tal-ħalib miftuħa mir-Repubblika Dominikana, imsemmija fl-Artikoli 55 sa 57 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761. prodotti tal-kwota tariffarja inkwistjoni, esportati lejn ir-Repubblika Dominikana tul sena minn tliet snin kalendarji qabel il-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għal liċenzja;

(d) għall-kwota ta' esportazzjoni ta' ġobon miftuħa mill-Istati Uniti tal-Amerka, imsemmija fl-Artikoli 58 sa 63 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0406, esportati lejn l-Istati Uniti tal-Amerika f'mill-inqas waħda mit-tliet snin kalendarji qabel ix-xahar ta' Settembru li jiġi qabel il-bidu tal-perjodu tal-kwota tariffarja;

(e) għall-kwota tariffarja tal-butir tan-New Zealand bin-numru tal-ordni 09.4195: prodotti importati bin-numri tal-ordni tal-kwota tariffarja 09.4195 u 09.4182 matul l-24 xahar qabel ix-xahar ta' Novembru li jiġi qabel il-bidu tal-perjodu tal-kwota tariffarja;

(f) għall-kwota tariffarja tal-butir tan-New Zealand bin-numru tal-ordni 09.4182: il-perjodu ta' 12-il xahar qabel ix-xahar ta' Novembru li jiġi qabel il-bidu tal-perjodu tal-kwota tariffarja.

3. L-operaturi għandhom jipprovdu l-prova ta' kummerċ lill-awtorità li toħroġ il-liċenzji permezz ta' kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) *data* doganali li turi r-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni u li jkun fiha, kif meħtieġ mill-Istat Membru kkonċernat, referenza għall-operatur bħala dikjarant kif imsemmi fl-Artikolu 5(15) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 jew bħala importatur kif imsemmi fil-Grupp 3 tal-Kapitolu 3 tat-Titolu I tal-Anness B tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 u fil-Grupp 3 tat-Titolu II ta' dak l-Anness;

(b) *data* doganali li turi r-rilaxx għall-esportazzjoni mill-Unjoni u li jkun fiha, kif meħtieġ mill-Istat Membru kkonċernat, referenza għall-operatur bħala dikjarant kif imsemmi fl-Artikolu 5(15) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 jew bħala esportatur kif imsemmi fl-Artikolu 1(19) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446;

(c) liċenzja użata approvata kif xieraq mill-awtoritajiet doganali li turi r-rilaxx tal-prodotti għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni jew għall-esportazzjoni mill-Unjoni u li tkun tinkludi referenza għall-operatur bħala detentur titolari tal-liċenzja, jew fil-każ ta' trasferiment ta' liċenzja, li jkun fiha referenza għall-operatur bħala ċessjonarju.

4. Meta d-*data* doganali tkun tista' tiġi ġġenerata jew ippreżentata biss f'format stampat, il-kopja stampata tad-dikjarazzjonijiet doganali għandha tiġi ċċertifikata bħala kopja vera permezz ta' timbru u firma mill-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru kkonċernat.

5. L-awtoritajiet li joħorġu l-liċenzji u l-awtoritajiet doganali jistgħu jipprevedu formati elettroniċi ssimplifikati għad-dokumenti u l-proċeduri msemmija f'dan l-Artikolu.

6. Il-prova tal-kummerċ m'għandhiex tintalab għall-kwoti soġġetti għar-rekwiżit tal-kwantità referenzjali, sakemm dak ir-rekwiżit ma jiġix sospiż, skont l-Artikolu 9(9).

Artikolu 9

Kwantità referenzjali

1. Il-kwantità referenzjali għandha tkun il-kwantità medja annwali ta' prodotti rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni matul żewġ perjodi konsekuttivi ta' 12-il xahar li jintemmu xahrejn (2) qabel ma tkun tista' tiġi ppreżentata l-ewwel applikazzjoni għall-perjodu tal-kwota tariffarja.

Il-kwantità referenzjali tal-operaturi amalgamati għandha tiġi stabbilita billi jiżdiedu l-kwantitajiet tal-prodotti rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni minn kull wieħed mill-operaturi involuti f'dik il-fużjoni.

Il-kwantità referenzjali ta' operatur m'għandhiex taqbeż il-15 % tal-kwantità disponibbli għall-kwota tariffarja kkonċernata fil-perjodu tal-kwota tariffarja rilevanti.

2. Il-kwantità referenzjali għandha tkopri prodotti rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni li jaqgħu taħt l-istess numru tal-ordni tal-kwota tariffarja u li jkollhom l-istess oriġini.

3. Il-kwantità totali ta' prodotti koperti minn applikazzjonijiet għal liċenzji għal kwota tariffarja waħda li jiġu ppreżentati f'perjodu ta' kwota tariffarja m'għandhiex taqbeż il-kwantità referenzjali tal-applikant għal dik il-kwota tariffarja.

Meta l-perjodu tal-kwota tariffarja jinqasam f'subperjodi, il-kwantità referenzjali għandha tinqasam bejn is-subperjodi. Is-sehem tal-kwantità totali referenzjali għal subperjodu tal-kwota tariffarja għandu jkun ugwali għas-sehem tal-kwantità totali tal-kwota tariffarja tal-importazzjoni disponibbli għal dak is-subperjodu.

L-applikazzjonijiet, li ma jikkonformawx mar-regoli stabbiliti fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi għandhom jiġu ddikjarati inammissibbli mill-awtorità kompetenti li toħroġ il-liċenzji.

4. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, għat-tewm li joriġina mill-Arġentina bin-numru tal-ordni 09.4104, il-kwantità referenzjali għandha tkun il-medja tal-kwantitajiet ta' tewm frisk, li jaqa' taħt il-kodiċi NM 0703 20 00, rilaxxat għaċ-ċirkolazzjoni libera matul it-tliet snin kalendarji li jiġu qabel il-perjodu tal-kwota tariffarja.

5. B'deroga mill-paragrafu 1, għall-kwoti tariffarji taċ-ċanga u l-vitella, elenkati fl-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761, il-kwantità referenzjali għandha tkun il-kwantità ta' prodotti rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni matul 12-il xahar li jintemmu xahrejn (2) qabel ma tkun tista' tiġi ppreżentata l-ewwel applikazzjoni għall-perjodu tal-kwota tariffarja.

6. B'deroga mill-paragrafu 2, il-kwantità referenzjali għandha tiġi kkalkolata billi jiġu akkumulati l-kwantitajiet ta' prodotti rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni, li jaqgħu taħt kull wieħed mit-tliet numri konsekuttivi li ġejjin tal-ordni tal-kwota stipulati fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761:

09.4211, 09.4212 u 09.4213;

09.4214, 09.4215 u 09.4216;

09.4410, 09.4411 u 09.4412.

7. B'deroga mill-paragrafu 3, għall-kwoti tariffarja bin-numri tal-ordni 09.4211, 09.4212 u 09.4213, il-kwantità totali tal-prodotti koperti bl-applikazzjonijiet għal-liċenzji ppreżentati fil-perjodu tal-kwota tariffarja għal dawk it-tliet kwoti tariffarji m'għandhiex tkun aktar mill-kwantità referenzjali totali tal-applikant għal dawk it-tliet kwoti tariffarji. L-applikant jista' jagħżel kif jaqsam il-kwantità referenzjali totali fost il-kwoti tariffarji li għalihom jitressqu l-applikazzjonijiet. Din ir-regola għandha tapplika wkoll għall-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.4214, 09.4215 u 09.4216 u n-numri tal-ordni 09.4410, 09.4411 u 09.4412.

8. Il-Kummissjoni għandha tissospendi r-rekwiżit tal-kwantità referenzjali meta, sa tmiem id-disa' xahar ta' perjodu tal-kwota tariffarja, il-kwantitajiet li għalihom tkun saret applikazzjoni taħt kwota tariffarja jkunu aktar baxxi mill-kwantità li tkun disponibbli taħt dik il-kwota tariffarja għal dak il-perjodu tal-kwota tariffarja.

9. Il-Kummissjoni tista' tissospendi r-rekwiżit tal-kwantità referenzjali għal kwalunkwe kwota tariffarja stabbilita fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 meta ċirkostanzi mhux prevedibbli u eċċezzjonali jheddu li jikkawżaw nuqqas ta' użu ta' dik il-kwota tariffarja.

10. It-tul ta' żmien tas-sospensjoni ma għandux jaqbeż il-perjodu tal-kwota tariffarja.

11. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika s-sospensjoni tar-rekwiżit tal-kwantità referenzjali skont l-Artikolu 188 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

Artikolu 10

Prova tal-kwantità referenzjali

1. Il-kwantità referenzjali għandha tiġi stabbilita abbażi ta' kopja ċċertifikata tad-dikjarazzjoni doganali li tkun ġiet iffinalizzata għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera. Id-dikjarazzjoni doganali għandha tirreferi għall-prodotti msemmija fil-fattura msemmija fl-Artikolu 145 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 ([10]), u għandha tindika, skont ir-rekwiżiti ta' kull Stat Membru, jekk l-applikant għal-liċenzja huwiex dikjarant kif imsemmi fl-Artikolu 5(15) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 jew importatur kif imsemmi fil-Grupp 3 tal-Kapitolu 3 tat-Titolu I tal-Anness B tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 u fil-Grupp 3 tat-Titolu II ta' dak l-Anness.

([10]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558).

2. L-operatur għandu jiżgura li d-dikjarazzjoni doganali għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni li juża biex jistabbilixxi l-kwantità referenzjali jkun fiha n-numru tal-fattura msemmija fl-Artikolu 145 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447. L-operaturi għandhom jippreżentaw ukoll il-fattura lill-awtoritajiet li joħorġu l-liċenzji sabiex jistabbilixxu l-kwantità referenzjali tagħha. Il-fattura għandha tinkludi minn tal-inqas:

(a) l-isem tal-importatur jew tad-dikjarant;

(b) deskrizzjoni tal-prodott assoċjata mal-Kodiċi NM ta' 8 ċifri tiegħu;

(c) in-numru tal-fattura.

3. L-awtoritajiet li joħorġu l-liċenzji għandhom iqabblu l-informazzjoni dwar il-fatturi, il-liċenzji tal-importazzjoni u d-dikjarazzjonijiet doganali. Id-dokumenti m'għandux ikun fihom diskrepanzi fir-rigward tal-identità, id-deskrizzjoni tal-prodott u n-numru tal-fattura tal-importatur jew tad-dikjarant. Il-verifiki ta' dawn id-dokumenti għandhom isiru abbażi tal-analiżi tar-riskju tal-Istati Membri.

4. L-awtorità li toħroġ il-liċenzji tista' tiddeċiedi li l-fatturi għandhom jiġu ppreżentati f'format elettroniku.

5. Il-kopja ċċertifikata tad-dikjarazzjoni doganali msemmija fil-paragrafu 1 tista' tiġi ssostitwita bi preżentazzjoni elettronika tad-data doganali mill-awtorità doganali lill-awtorità li toħroġ il-liċenzji, skont il-proċeduri u l-metodi stabbiliti fl-Artikolu 14 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239. L-awtoritajiet li joħorġu l-liċenzji u l-awtoritajiet doganali jistgħu jipprevedu formati elettroniċi ssimplifikati għad-dokumenti u l-proċeduri msemmija f'dan il-paragrafu.

6. Meta operatur jipprova, għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru, li l-kwantità tal-prodotti li kien irrilaxxa għal ċirkolazzjoni libera fi kwalunkwe wieħed mill-perjodi ta' 12-il xahar imsemmija fl-Artikolu 9 kienet affettwata minn miżuri sanitarji jew fitosanitarji stabbiliti mill-pajjiż esportatur jew mill-Unjoni, dan għandu jitħalla juża l-perjodu ta' 12-il xahar preċedenti li ma jkunx ġie affettwat minn dawk il-miżuri biex jistabbilixxi l-kwantità referenzjali.

Artikolu 11

Rekwiżit ta' indipendenza tal-operaturi li japplikaw għal kwoti tariffarji li għalihom tkun meħtieġa r-reġistrazzjoni minn qabel tal-operaturi

1. L-operaturi jistgħu japplikaw għal kwoti tariffarji li għalihom tkun meħtieġa reġistrazzjoni minn qabel tal-operaturi biss meta:

(a) ma jkunux marbuta ma' persuni ġuridiċi jew fiżiċi oħra li japplikaw għall-istess numru tal-ordni tal-kwota tariffarja; jew

(b) huma marbuta ma' persuni ġuridiċi jew fiżiċi oħra li japplikaw għall-istess numru tal-ordni tal-kwota tariffarja iżda jwettqu regolarment attivitajiet ekonomiċi sostanzjali.

2. Operatur huwa marbut ma' persuni ġuridiċi jew fiżiċi oħra fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta jipposjedi jew jikkontrolla persuna ġuridika oħra; jew

(b) meta jkollu rabtiet familjari ma' persuna fiżika oħra; jew

(c) meta jkollu relazzjoni kummerċjali importanti ma' persuna ġuridika jew fiżika oħra.

3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "jipposjedi persuna ġuridika oħra" tfisser li wieħed ikun fil-pussess ta' mill-inqas 25 % tad-drittijiet proprjetarji ta' persuna ġuridika oħra;

(b) "jikkontrolla persuna ġuridika oħra" tfisser kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(i) li wieħed ikollu d-dritt li jaħtar jew ineħħi l-maġġoranza tal-membri tal-korp amministrattiv, ta' tmexxija jew ta' sorveljanza ta' tali persuna ġuridika, grupp jew entità legali;

(ii) li wieħed ikun ħatar biss bħala riżultat tal-eżerċitar tad-drittijiet tiegħu tal-vot, il-maġġoranza tal-membri tal-korpi amministrattivi, ta' tmexxija jew ta' sorveljanza ta' persuna ġuridika li kellha kariga matul is-sena finanzjarja attwali u dik preċedenti;

(iii) li wieħed jikkontrolla waħdu, skont ftehim ma' azzjonisti oħra fi jew membri ta' persuna ġuridika, grupp jew entità legali, il-maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-membri f'dik il-persuna ġuridika, grupp jew entità legali;

(iv) li wieħed ikollu d-dritt li jeżerċita influwenza dominanti fuq persuna ġuridika, grupp jew entità legali, skont ftehim li jkun daħal fih ma' dik il-persuna ġuridika, il-grupp jew l-entità legali, jew skont dispożizzjoni fil-memorandum jew fl-artikoli tal-assoċjazzjoni tiegħu, meta l-liġi li tirregola dik il-persuna ġuridika, il-grupp jew l-entità legali tippermetti li jkunu soġġetti għal tali ftehim jew dispożizzjoni;

(v) li wieħed ikollu l-poter li jeżerċita d-dritt li jeżerċita influwenza dominanti msemmija fil-punt (iv), mingħajr ma jkun id-detentur ta' dak id-dritt;

(vi) li wieħed ikollu d-dritt li juża l-assi kollha jew parti minnhom ta' persuna ġuridika, grupp jew entità legali;

(vii) li wieħed jamministra n-negozju ta' persuna ġuridika, grupp jew entità legali fuq bażi unifikata, filwaqt li jippubblika kontijiet konsolidati;

(viii) li jidħol għar-responsabbiltajiet finanzjarji ta' persuna ġuridika, grupp jew entità legali in solidum jew jiggarantihom;

(c) "għandu rabtiet familjari" tfisser kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(i) l-operatur huwa l-konjuġi, ħu, oħt, ġenitur, wild jew in-neputi ta' operatur ieħor li japplika għall-istess numru tal-ordni tal-kwota tariffarja;

(ii) l-operatur huwa l-konjuġi, ħu, oħt, ġenitur, wild jew in-neputi tal-persuna fiżika li tipposjedi jew tikkontrolla operatur ieħor li japplika għall-istess numru tal-ordni tal-kwota tariffarja;

(d) "relazzjoni kummerċjali importanti" tfisser kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(i) il-persuna l-oħra tipposjedi b'mod dirett jew indirett mill-anqas 25 % tal-ishma fl-operatur;

(ii) l-operatur u l-persuna l-oħra, b'mod dirett jew indirett, jikkontrollaw b'mod konġunt terza persuna;

(iii) l-operatur u l-persuna l-oħra huma l-impjegatur u l-impjegat rispettivament;

(iv) l-operatur u l-persuna l-oħra huma sħab legalment rikonoxxuti fin-negozju jew huma uffiċjali jew diretturi fl-istess persuna ġuridika;

(e) "attivitajiet ekonomiċi sostanzjali" tfisser azzjonijiet jew attivitajiet li jitwettqu minn persuna bil-għan li jiġu żgurati l-produzzjoni, id-distribuzzjoni jew il-konsum ta' oġġetti u servizzi.

Għall-finijiet tal-punt (e), l-attivitajiet li jitwettqu bl-iskop uniku li jiġu applikati l-kwoti tariffarji m'għandhomx jitqiesu bħala attivitajiet ekonomiċi sostanzjali.

4. Meta l-operatur ikun marbut ma' persuni ġuridiċi jew fiżiċi oħra li japplikaw għall-istess numru tal-ordni tal-kwota tariffarja, dan għandu jissodisfa l-obbligi li ġejjin meta jirreġistra fis-sistema elettronika tal-LORI:

(a) għandu jagħti prova li jwettaq regolarment attivitajiet ekonomiċi sostanzjali billi jippreżenta mill-inqas wieħed mid-dokumenti msemmija fit-taqsima "Il-prova tal-operatur ekonomiku ta' attività ekonomika sostanzjali" tal-Anness II;

(b) għandu jiżvela l-identità tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li magħhom huwa marbut billi jimla t-taqsima rilevanti tal-Anness II.

5. Il-Kummissjoni tista' tissospendi d-dikjarazzjoni tar-rekwiżit tal-indipendenza meta r-rekwiżit tal-kwantità referenzjali jiġi sospiż skont l-Artikolu 9(9).

It-tul ta' żmien tas-sospensjoni ma għandux jaqbeż il-perjodu tal-kwota tariffarja.

6. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika s-sospensjoni tar-rewiżit tad-dikjarazzjoni ta' indipendenza skont l-Artikolu 188 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

Artikolu 12

Dikjarazzjoni ta' indipendenza

1. L-applikant għal kwoti tariffarji li għalihom tkun meħtieġa r-reġistrazzjoni minn qabel tal-operaturi huwa meħtieġ jippreżenta dikjarazzjoni ta' indipendenza permezz tas-sistema elettronika LORI, billi juża d-dikjarazzjoni mudell stabbilita fl-Anness I.

2. Fid-dikjarazzjoni ta' indipendenza tiegħu, l-applikant għandu jagħmel waħda mid-dikjarazzjonijiet li ġejjin, skont is-sitwazzjoni tiegħu:

   (a) dikjarazzjoni li l-applikant mhuwiex marbut ma' persuni ġuridiċi jew fiżiċi oħra li japplikaw għall-istess numru ta' ordni tal-kwota tariffarja;

   (b) dikjarazzjoni li l-applikant huwa marbut ma' persuni ġuridiċi jew fiżiċi oħra li japplikaw għall-istess numru tal-ordni tal-kwota tariffarja iżda li jwettaq regolarment attivitajiet ekonomiċi sostanzjali.

3. L-applikant għandu jiżgura li l-informazzjoni kollha li tinsab fid-dikjarazzjoni ta' indipendenza tiegħu tkun dejjem preċiża u aġġornata.

4. Meta tiddetermina jekk l-applikant iwettaqx regolarment attivitajiet ekonomiċi sostanzjali, l-awtorità li toħroġ il-liċenzji għandha tqis it-tip ta' attività ekonomika li titwettaq mill-applikant, in-nefqa li tkun saret, il-bejgħ u l-fatturat tal-applikant fl-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tal-VAT tiegħu.

   Fuq it-talba tal-awtorità kompetenti li toħroġ il-liċenzja, l-applikant għandu jagħmel disponibbli d-dokumenti u l-evidenza kollha meħtieġa għall-verifika tal-informazzjoni prevista fid-dikjarazzjoni ta' indipendenza.

5. L-awtorità kompetenti li toħroġ il-liċenzja għandha taċċetta d-dikjarazzjoni ta' indipendenza biss jekk tkun sodisfatta li d-dokumenti ppreżentati fis-sistema LORI huma korretti u aġġornati.

6. L-applikant għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti li toħroġ il-liċenzja bi kwalunkwe bidla li taffettwa d-dikjarazzjoni ta' indipendenza fi żmien 10 ijiem kalendarji mid-data li fiha jsiru tali bidliet. L-awtorità kompetenti li toħroġ il-liċenzja għandha tirreġistra dawk il-bidliet fis-sistema elettronika LORI wara li tkun ivvalidathom.

7. Id-dikjarazzjoni ta' indipendenza għandha tibqa' valida sakemm l-operatur jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 11(1).

Artikolu 13

Reġistrazzjoni obbligatorja minn qabel tal-operaturi

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi sistema elettronika tar-Reġistrazzjoni u l-Identifikazzjoni tal-Operaturi tal-Liċenzji (LORI), skont ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1183 ([11]) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1185.

2. L-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni fis-sistema elettronika LORI għandhom isiru permezz ta' formola elettronika li ssir disponibbli lill-operaturi mill-awtorità li toħroġ il-liċenzji. Din il-formola għandha tinkludi l-informazzjoni stipulata fl-Anness II.

3. L-operaturi stabbiliti fit-territorju doganali tal-Unjoni u li għandhom numru EORI biss jistgħu japplikaw għar-reġistrazzjoni fis-sistema elettronika LORI. Dawn għandhom japplikaw mal-awtorità li toħroġ il-liċenzji tal-Istat Membru li fih ikunu stabbiliti u rreġistrati għal finijiet ta' VAT.

([11]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1183 tal-20 ta' April 2017 li jissupplimenta r-Regolamenti (UE) Nru 1307/2013 u (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tan-notifiki lill-Kummissjoni ta' informazzjoni u dokumenti (ĠU L 171, 4.7.2017, p. 100).

4. L-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni għandha tiġi ppreżentata tal-anqas xahrejn (2) qabel ix-xahar li fih l-operatur ikun beħsiebu jippreżenta l-applikazzjoni għal liċenzja tiegħu. L-operatur għandu jipprovdi indirizz elettroniku validu għall-korrispondenza, u għandu jżomm indirizz elettroniku validu fis-sistema elettronika LORI għall-komunikazzjoni mal-awtorità li toħroġ il-liċenzji.

5. Meta l-awtorità kompetenti li toħroġ il-liċenzji ssib li l-informazzjoni ppreżentata minn operatur għar-reġistrazzjoni fis-sistema elettronika LORI jew għal bidla fir-rekord LORI tagħha tkun korretta u aġġornata u tikkonforma ma' dan ir-Regolament u mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761., din għandha tivvalida r-reġistrazzjoni jew il-bidla u tinnotifika lill-Kummissjoni bil-validazzjoni permezz tas-sistema elettronika LORI.

6. L-awtorità li toħroġ il-liċenzji għandha tirrifjuta l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni meta l-applikant ma jippruvax is-sodisfazzjon tiegħu li l-informazzjoni pprovduta kif stipulat fl-Anness II hija korretta u aġġornata. L-awtorità li toħroġ il-liċenzji għandha tirreġistra d-data tar-rifjut tal-applikazzjoni u għandha tinnotifika r-rifjut lill-applikant flimkien mar-raġunijiet għar-rifjut.

7. Abbażi tan-notifika tal-awtorità li toħroġ il-liċenzji, il-Kummissjoni għandha tirreġistra lill-applikant fis-sistema elettronika LORI u tinforma lill-awtorità li toħroġ il-liċenzji bir-reġistrazzjoni. L-awtorità li toħroġ il-liċenzji għandha tinnotifika r-reġistrazzjoni lill-applikant.

8. Ladarba l-operatur ikun irreġistrat fis-sistema elettronika LORI, ir-reġistrazzjoni tkun valida sal-irtirar tagħha.

9. Id-*data* li tikkonċerna l-operatur irreġistrat maħżuna fis-sistema elettronika LORI għandha tikkostitwixxi r-reġistru LORI tiegħu. Din id-*data* għandha tinħażen matul ir-reġistrazzjoni tal-operatur u għal seba' snin wara l-irtirar tar-reġistrazzjoni tal-operatur mis-sistema elettronika LORI.

10. L-awtorità li toħroġ il-liċenzji għandha tirtira r-reġistrazzjoni fil-każijiet li ġejjin:

    (a) fuq talba tal-operatur irreġistrat;

    (b) meta l-awtorità li toħroġ il-liċenzji ssir konxja li l-operatur rreġistrat m'għadux jissodisfa l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti ta' eliġibbiltà biex japplika għal kwoti tariffarji li jirrikjedu reġistrazzjoni obbligatorja għall-operaturi.

11. L-awtorità li toħroġ il-liċenzji għandha tirreġistra d-data tal-irtirar tar-reġistrazzjoni u għandha tinnotifikaha lill-operatur ikkonċernat flimkien mar-raġunijiet tal-irtirar.

12. L-operatur għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti li toħroġ il-liċenzji b'kull bidla li taffettwa r-rekord LORI tiegħu fi żmien 10 ijiem kalendarji mid-data tal-effikaċja ta' tali bidliet. Il-Kummissjoni għandha tirreġistra dawk il-bidliet fis-sistema elettronika LORI wara l-validazzjoni tagħhom mill-awtorità kompetenti li toħroġ il-liċenzji.

13. Il-Kummissjoni tista' tissospendi r-rekwiżit tar-reġistrazzjoni minn qabel tal-operaturi fis-sistema elettronika LORI meta r-rekwiżit tal-kwantità referenzjali jkun ġie sospiż skont l-Artikolu 9(9).

    It-tul ta' żmien tas-sospensjoni m'għandux jaqbeż il-perjodu tal-kwota tariffarja.

14. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika s-sospensjoni tar-rekwiżit ta' reġistrazzjoni minn qabel tal-operaturi fis-sistema LORI skont l-Artikolu 188 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

Artikolu 14

Ilmenti dovuti għal reġistrazzjoni mhux xierqa ta' operatur

1. L-operaturi rreġistrati fis-sistema elettronika LORI, li jissuspettaw li operatur ieħor irreġistrat ma jissodisfax il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti ta' eliġibbiltà għall-applikazzjoni għal kwoti tariffarji li għalihom tkun meħtieġa reġistrazzjoni minn qabel, jistgħu jressqu lmenti quddiem l-awtorità li toħroġ il-liċenzji tal-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti u rreġistrati għal finijiet ta' VAT. Tali lmenti għandhom jiġu sostanzjati. Kull awtorità li toħroġ il-liċenzji għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-operaturi sistema għat-tressiq ta' tali lmenti u għandha tinforma lill-operaturi ta' dik is-sistema meta japplikaw għar-reġistrazzjoni fis-sistema elettronika tal-LORI.

2. Jekk l-awtorità li toħroġ il-liċenzji tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit l-ilmentatur issib li l-ilment huwa fondat, din għandha ssegwih bil-kontrolli li hija tqis xierqa. Meta l-operatur ikkontrollat ikun stabbilit u rreġistrat għal finijiet tal-VAT fi Stat Membru ieħor, l-awtorità li toħroġ il-liċenzji ta' dak l-Istat Membru għandha tipprovdi l-assistenza meħtieġa fil-ħin. Ir-riżultat tal-kontroll għandu jiġi rreġistrat mill-awtorità li toħroġ il-liċenzji tal-Istat Membru fejn l-operatur ikkonċernat huwa stabbilit u rreġistrat għal finijiet ta' VAT, fis-sistema elettronika LORI, bħala parti mir-rekord tal-LORI tiegħu.

Artikolu 15

Penali

1. Meta l-awtorità kompetenti li toħroġ il-liċenzji ssib li operatur li japplika għal liċenzja tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni għal kwota tariffarja jew it-trasferiment tagħha jkun ippreżenta dokument mhux korrett jew ikun ressaq *data* mhux korretta jew *data* li ma tkunx aġġornata fil-kuntest tar-reġistrazzjoni fis-sistema elettronika LORI, u meta dak id-dokument ikun essenzjali għall-ħruġ ta' dik il-liċenzja tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni, din għandha tieħu l-miżuri li ġejjin:

   (a) tipprojbixxi lill-operatur milli jirrilaxxa għall-moviment liberu fl-Unjoni jew jesporta mill-Unjoni kwalunkwe prodott taħt il-kwota tariffarja għall-importazzjoni jew l-esportazzjoni kkonċernata għall-perjodu sħiħ tal-kwota tariffarja li matulu tkun saret tali sejba;

   (b) teskludi lill-operatur mis-sistema ta' applikazzjoni għal-liċenzja għall-kwota tariffarja tal-importazzjoni jew l-esportazzjoni kkonċernata għal perjodu ta' kwota tariffarja wara l-perjodu tal-kwota tariffarja li matulu tkun saret tali sejba.

   Meta l-awtorità li toħroġ il-liċenzji ssib li operatur li japplika għal liċenzja tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni għal kwota tariffarja jew għat-trasferiment tagħha jkun ippreżenta b'mod intenzjonat dokument żbaljat jew ma jkunx aġġorna b'mod intenzjonat d-*data* fir-rekord LORI tiegħu fil-kuntest tar-reġistrazzjoni fis-sistema elettronika LORI, u meta dak id-dokument jew dik id-*data* jkunu essenzjali għall-ħruġ ta' dik il-liċenzja tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni, l-esklużjoni tal-operatur imsemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu għandha tapplika għal żewġ perjodi ta' kwota tariffarja wara l-perjodu tal-kwota tariffarja li matulu tkun saret tali sejba.

2. Meta r-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera taħt liċenzja tal-importazzjoni jkun sar qabel is-sejbiet imsemmija fil-paragrafu 1, għandu jiġi rkuprat kwalunkwe vantaġġ finanzjarju mhux dovut li jirriżulta minn dan.

3. Il-penali msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe penali addizzjonali skont il-liġi nazzjonali jew id-dritt tal-Unjoni, u mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

Artikolu 16

Trattament speċjali dwar l-importazzjoni f'pajjiż terz

Kull meta prodotti esportati jibbenefikaw minn trattament speċjali fuq l-importazzjoni f'pajjiż terz, skont l-Artikolu 186(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, l-esportaturi għandhom jitħallew jitolbu liċenzja tal-esportazzjoni li tiċċertifika li tali kundizzjonijiet għal trattament speċjali fuq l-importazzjoni f'pajjiż terz ġew issodisfati. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom joħorġu tali liċenzja ladarba jkunu sodisfatti, permezz ta' mezzi li jqisuhom bħala xierqa, li tali kundizzjonijiet ġew issodisfati.

Artikolu 17

Notifiki lill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni għal kull perjodu tal-kwota tariffarja bl-informazzjoni li ġejja permezz tas-sistema ta' notifika stabbilita bir-Regolament Delegat (UE) 2017/1183 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1185:

(a) il-kwantitajiet koperti minn applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni;

(b) il-kwantitajiet koperti minn liċenzji tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni maħruġa;

(c) il-kwantitajiet mhux użati koperti minn liċenzji tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni mhux użati jew parzjalment użati;

(d) il-kwantitajiet allokati lill-operaturi fi ħdan kwota tariffarja li għalihom ma nħarġux liċenzji tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni;

(e) il-kwantitajiet rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera jew esportati skont il-liċenzji tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni maħruġa;

(f) għall-kwoti tariffarji li għalihom hija meħtieġa r-reġistrazzjoni minn qabel tal-operaturi:

(i) l-ismijiet, in-numri EORI u l-indirizzi tal-operaturi li jkunu rċevew liċenzji tal-importazzjoni jew taċ-ċessjonarji ta' liċenzja tal-importazzjoni;

(ii) għal kull operatur, il-kwantitajiet li tkun saret applikazzjoni għalihom;

(iii) l-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni fis-sistema elettronika LORI li jkunu ġew ivvalidati u rrifjutati, ir-reġistrazzjonijiet li jkunu ġew irtirati, u l-validazzjonijiet u r-rifjut tal-bidliet fir-reġistru LORI;

(g) għal kwoti tariffarji tal-importazzjoni amministrati b'dokumenti maħruġa minn pajjiżi terzi, għal kull ċertifikat ta' awtenticità jew ċertifikat ta' Arranġament ta' Monitoraġġ Attiv ("IMA 1") imsemmi fl-Anness XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 ippreżentati minn operatur, in-numru tal-liċenzja korrispondenti maħruġa u l-kwantitajiet koperti.

KAPITOLU III

Kwoti tariffarji speċifiċi f'konformità mal-Artikolu 185 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013

Artikolu 18

Ftuħ tal-kwoti

1. Kull sena mill-1 ta' Jannar, għandhom jinfetħu żewġ kwoti għall-importazzjoni ta' kwantità massima ta' 2 000 000 tunnell"ta ta' qamħirrum li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1005 90 00 u 300 000 tunnellata ta' sorgu li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1007 90 00 minn pajjiżi terzi għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fi Spanja.

2. Kull sena mill-1 ta' Jannar, għandha tinfetaħ kwota tariffarja waħda għall-importazzjonijiet ta' kwantità massima ta' 500 000 tunnellata ta' qamħirrum li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1005 90 00 minn pajjiżi terzi, għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fil-Portugall.

Artikolu 19

Amministrazzjoni tal-kwoti

1. Il-kwantitajiet għall-importazzjoni fi Spanja msemmija fl-Artikolu 18(1) għandhom jitnaqqsu fi proporzjon ma' kwalunkwe kwantità ta' residwi tal-manifattura tal-lamtu minn qamħirrum li jaqa' taħt il-kodiċijiet NM 2303 10 19 u 2309 90 20, it-tindif u l-lambikar ta' tartru u fdalijiet li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2303 30 00 u fdalijiet ta' polpa ta' ċitru li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 2308 00 40 importati fi Spanja minn pajjiżi terzi matul is-sena kkonċernata.

2. Il-Kummissjoni għandha tirriżerva għall-kwoti msemmija fl-Artikolu 18(1) u (2):

(a) Il-kwantitajiet tal-qamħirrum li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1005 90 00 u s-sorgu li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1007 90 00 importat fi Spanja u l-kwantitajiet tal-qamħirrum li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1005 90 00 importat fil-Portugall matul kull sena kalendarja;

(b) il-kwantitajiet ta' residwi tal-manifattura tal-lamtu mill-qamħirrun, il-fdalijiet tal birrerija u d-distillazzjoni u l-iskart u r-residwi mil-lbieba taċ-ċitru msemmija fil paragrafu 1, importati fi Spanja matul kull sena kalendarja;

3. Għall-finijiet tal-prenotazzjoni ta' kwantitajiet għall-kwoti msemmija fl-Artikolu 18(1) u (2), l-importazzjonijiet fi Spanja u l-Portugall li jsiru skont atti li permezz tagħhom l-Unjoni tkun tat konċessjonijiet kummerċjali speċifiċi m'għandhomx jitqiesu.

Artikolu 20

Użu ta' prodotti importati u sorveljanza

1. Il-kwantitajiet ta' qamħirrum u sorgu msemmija fl-Artikolu 18(1) għandhom jingħataw għall-ipproċessar jew l-użu fi Spanja. Il-kwantitajiet ta' qamħirrum msemmija fl-Artikolu 18(2) għandhom jingħataw għall-ipproċessar jew l-użu fil-Portugall.

2. Qamħirrum u sorgu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera mingħajr dazju skont l-Artikolu 21 għandhom jibqgħu taħt is-sorveljanza tad-dwana jew taħt kontroll amministrattiv b'effett ekwivalenti sa' dak iż-żmien li jintużaw jew jiġu pproċessati.

3. L-Istat Membru konċernat għandu, jekk ikun hemm bżonn, jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżgura li s-sorveljanza msemmija fil-paragrafu 2 issehh. Dawn il-miżuri għandhom jinkludu r-rekwiżit li l-importaturi jissottomettu għal kwalunkwe kontroll li l-awtoritajiet kompetenti jqisu meħtieġ u li jżommu reġistri speċifiċi li jippermetu lill-awtoritajiet jagħmlu tali kontrolli.

4. L-Istat Membru konċernat għandu jinnotifika immedjatament lill-Kummissjoni bil-miżuri adottati skont it-3 paragrafu.

Artikolu 21

Importazzjonijiet mingħajr dazju

1. Għandu jiġi applikat dazju żero tal-importazzjoni mill-1 ta' April ta' kull sena kalendarja għall-importazzjonijiet tal-qamħirrum u s-sorgu fi Spanja u għall-importazzjonijiet tal-qamħirrum fil-Portugall, fil-limiti kwantitattivi stipulati fl-Artikolu 18(1) u (2).

2. L-importazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1:

   (a) għandhom jiġu ġestiti skont il-metodu msemmi fl-Artikoli 184(2)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013;

   (b) għandhom ikunu koperti minn liċenzji li jinħarġu mill-awtoritajiet kompetenti Spanjoli u Portugiżi.

   Il-liċenzji msemmija fil-punt (b) għandhom ikunu validi biss fl-Istat Membru li fih ikunu nħarġu.

3. Mid-data tal-applikazzjoni tad-dazju żero tal-importazzjoni ddefinit fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tippubblika, sa mhux aktar tard mis-sitt jum ta' kull xahar, b'mezzi xierqa, il-kwantitajiet tal-kwoti msemmija fl-Artikolu 18(1) u (2) li huma disponibbli fl-ewwel jum ta' kull xahar.

Artikolu 22

Garanzija fl-applikazzjoni u garanzija tal-prestazzjoni

1. Il-garanzija msemmija fl-Artikolu 4, li r-rata tagħha hija stabbilita fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 għandha tkun ippreżentata mill-applikant lill-awtorità li toħroġ il-liċenzji qabel tmiem il-perjodu ta' applikazzjoni.

2. Minbarra l-garanzija msemmija fil-paragrafu 1, il-ħruġ tal-liċenzja għandu jkun soġġett għal garanzija tal-prestazzjoni li tkun disponibbli sa mhux aktar tard mid-data tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera.

3. Ir-rata tal-garanzija tal-prestazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tkun ugwali għad-dazju tal-importazzjoni tal-qamħirrum u s-sorgu, stabbilit skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 642/2010 ([12]) u li jkun applikabbli dakinhar li ssir l-applikazzjoni għal-liċenzja.

([12]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 642/2010 tal-20 ta' Lulju 2010 dwar regoli ta' applikazzjoni għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 dwar id-dazju ta' importazzjoni fis-settur taċ-ċereali (ĠU L 187, 21.7.2010, p. 5).

Artikolu 23

Regoli speċifiċi dwar it-trasferiment tal-liċenzji

B'deroga mill-Artikolu 6 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/1237, id-drittijiet li jirriżultaw mil-liċenzji tal-importazzjoni m'għandhomx ikunu trasferibbli.

Artikolu 24

Ir-rilaxx u t-telf tal-garanzija tal-prestazzjoni

1. Mingħajr preġudizzju għall-miżuri ta' sorveljanza adottati skont l-Artikolu 20(2), il-garanzija tal-prestazzjoni msemmija fl-Artikolu 22(2) għandha tiġi rrilaxxata meta l-importatur jipprovdi prova li:

   (a) il-prodott importat ikun ġie pproċessat jew intuża fl-Istat Membru tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera; dik il-prova tista' tingħata fil-forma ta' fattura ta' bejgħ lil proċessur stabbilit fl-Istat Membru tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera;

   (b) il-prodott ma setax jiġi importat, ipproċessat jew użat minħabba raġunijiet ta' *force majeure*;

   (c) il-prodott importat ma jkunx għadu tajjeb għal ebda tip ta' użu.

2. Il-prova msemmija fil-paragrafu 1 għandha tingħata fi żmien 18-il xahar mid-data tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera, u fin-nuqqas ta' dan il-garanzija tintilef.

3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-ipproċessar jew l-użu tal-prodott importat għandu jitqies li ġie affettwat jekk 95 % tal-kwantità rilaxxata għaċ-ċirkolazzjoni libera tkun ġiet ipproċessata jew utilizzata.

KAPITOLU IV

Dispożizzjonijiet tranżitorji u finali

Artikolu 25

Tħassir

Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 2307/98 ([13]), (KE) Nru 2535/2001 ([14]), (KE) Nru 1342/2003 ([15]), (KE) Nru 2305/2003 ([16]), (KE) Nru 969/2006 ([17]), (KE) Nru 1301/2006 ([18]), (KE) Nru 1918/2006 ([19]), (KE) Nru 1964/2006 ([20]),

([13]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2307/98 tas-26 ta' Ottubru 1998 dwar il-ħruġ ta' liċenzji għall-esportazzjoni ta' ikel tal-klieb u l-qtates li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2309 10 90 li jikkwalifika għal trattament speċjali ta' importazzjoni fl-Iżvizzera, (ĠU L 288, 27.10.1998, p. 8).

([14]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2535/2001 tal-14 ta' Diċembru 2001 li jipprovdi regoli dettaljati biex ikun applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 rigward l-arranġamenti tal-importazzjoni tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib u biex jinfetħu kwoti tat-tariffa (ĠU L 341, 22.12.2001, p. 29).

([15]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1342/2003 tat-28 ta' Lulju 2003 li jistabbilixxi regoli speċjali u dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzji tal-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' ċereali u ross (ĠU L 189, 29.7.2003, p. 12).

([16]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2305/2003 tad-29 ta' Diċembru 2003 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tariffali għall-importazzjoni ta' xgħir minn pajjiżi terzi (ĠU L 342, 30.12.2003, p. 7).

([17]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 969/2006 tad-29 ta' Ġunju 2006 li jistabbilixxi kwota tariffarja Komunitarja u mod għall-ġestjoni tagħha għall-importazzjoni tal-qamħirrum minn pajjiżi terzi (ĠU L 176, 30.6.2006, p. 44).

([18]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi fuq l-importazzjoni għal prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni (ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13).

([19]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1918/2006 tal-20 ta' Diċembru 2006 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tariffarja għaż-żejt taż-żebbuġa li joriġina mit-Tuneżija (ĠU L 365, 21.12.2006, p. 84).

([20]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1964/2006 tat-22 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-ftuħ u l-amministrazzjoni ta' kwota għall-importazzjoni ta' ross li joriġina mill-Bangladesh, b'applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3491/90 (ĠU L 408, 30.12.2006, p. 20).

(KE) Nru 1979/2006 ([21]), (KE) Nru 341/2007 ([22]), (KE) Nru 533/2007 ([23]), (KE) Nru 536/2007 ([24]), (KE) Nru 539/2007 ([25]), (KE) Nru 616/2007 ([26]), (KE) Nru 964/2007 ([27]), (KE) Nru 1384/2007 ([28]), (KE) Nru 1385/2007 ([29]), (KE) Nru 382/2008 ([30]), (KE) Nru 412/2008 ([31]), (KE) Nru 431/2008 ([32]), (KE) Nru 748/2008 ([33]), (KE) Nru 1067/2008 ([34]), (KE) Nru 1296/2008 ([35]), (KE) Nru 442/2009 ([36]), (KE) Nru 610/2009 ([37]), (KE) Nru 891/2009 ([38]), (KE) Nru 1187/2009 ([39]) u (UE) Nru 1255/2010 ([40]) u r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1273/2011 ([41]), (UE) Nru 480/2012 ([42]),(UE) Nru 1223/2012 ([43]),

([21]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1979/2006 tat-22 ta' Diċembru 2006 li jiftaħ u jipprevedi l-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji għal faqqiegħ ippreservat importat minn pajjiżi terzi (ĠU L 368, 23.12.2006, p. 91).

([22]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 341/2007 tad-29 ta' Marzu 2007 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji u li jintroduċi sistema għal liċenzji tal-importazzjoni u ċertifikati ta' oriġini għat-tewm u għal ċerti prodotti agrikoli oħra importati minn pajjiżi terzi (ĠU L 90, 30.3.2007, p. 12).

([23]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 533/2007 tal-14 ta' Mejju 2007 li jiftaħ u jamministra kwoti tariffarji fis-settur tal-laħam tat-tjur (ĠU L 125, 15.5.2007, p. 9).

([24]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 536/2007 tal-15 ta' Mejju 2007 li jiftaħ u jamministra kwota tariffarja għal-laħam tat-tjur allokata għall-Istati Uniti tal-Amerika (ĠU L 128, 16.5.2007, p. 6).

([25]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 539/2007 tal-15 ta' Mejju 2007 li jistabbilixxi u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji fis-settur tal-bajd u tal-albumina tal-bajd (ĠU L 128, 16.5.2007, p. 19).

([26]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 616/2007 tal-4 ta' Ġunju 2007 dwar il-ftuħ u l-mod ta' ġestjoni tal-kwoti tariffarji tal-Komunità fis-settur tal-laħam tat-tjur li joriġina mill-Brażil, it-Tajlandja u pajjiżi terzi oħra (ĠU L 142, 5.6.2007, p. 3).

([27]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 964/2007 tal-14 ta' Awwissu 2007 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-ftuħ u l-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji għar-ross li joriġina mill-pajjiżi l-anqas żviluppati, għas-snin tas-suq 2007/2008 u 2008/2009 (ĠU L 213, 15.8.2007, p. 26).

([28]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1384/2007 tas-26 ta' Novembru 2007 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2398/96 rigward il-ftuħ u l-ġestjoni ta' ċerti kwoti li jirrigwardaw l-importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti tas-settur tal-laħam tat-tjur li joriġinaw fl-Iżrael (ĠU L 309, 27.11.2007, p. 40).

([29]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1385/2007 tas-26 ta' Novembru 2007 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 774/94 f'dak li jirrigwarda l-ftuħ u l-ġestjoni ta' ċerti kwoti tariffarji tal-Komunità fis-settur tal-laħam tat-tjur (ĠU L 309, 27.11.2007, p. 47).

([30]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 382/2008 tal-21 ta' April 2008 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni għal-liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni fis-settur tal-laħam taċ-ċanga u l-vitella (ĠU L 115, 29.4.2008, p. 10).

([31]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 412/2008 tat-8 ta' Mejju 2008 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tariffarja għall-importazzjoni taċ-ċanga ffriżata għall-ipproċessar (ĠU L 125, 9.5.2008, p. 7).

([32]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 431/2008 tad-19 ta' Mejju 2008 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tariffarja tal-importazzjoni ta' laħam iffriżat tal-annimali bovini koperti mill-kodiċi NM 0202 u prodotti koperti mill-kodiċi NM 02062991 (ĠU L 130, 20.5.2008, p. 3).

([33]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 748/2008 tat-30 ta' Lulju 2008 dwar il-ftuħ u l-amministrazzjoni ta' kwota ta' tariffa tal-importazzjoni għal falda rqiqa ffriżata ta' annimali bovini fi ħdan il-kodiċi tan-NM 02062991 (ĠU L 202, 31.7.2008, p. 28).

([34]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1067/2008 tat-30 ta' Ottubru 2008 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffari Komunitarji għal qamħ komuni ta' kwalità differenti minn dik superjuri oriġinanti minn pajjiżi terzi u li tidderoga mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 290, 31.10.2008, p. 3).

([35]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1296/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' kwoti ta' tariffi għall-importazzjoni ta' qamħirrum u sorgu fi Spanja u importazzjoni ta' qamħirrum fil-Portugall (ĠU L 340, 19.12.2008, p. 57).

([36]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 442/2009 tas-27 ta' Mejju 2009 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-Komunità fis-settur tal-laħam tal-majjal (ĠU L 129, 28.5.2009, p. 13).

([37]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 610/2009 tal-10 ta' Lulju 2009 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-kwota tariffarja fuq iċ-ċanga u l-vitella li joriġinaw fiċ-Ċili (ĠU L 180, 11.7.2009, p. 5).

([38]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009 tal-25 ta' Settembru 2009 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti tariffarji tal-Komunità fis-settur taz-zokkor (ĠU L 254, 26.9.2009, p. 82).

([39]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1187/2009 tas-27 ta' Novembru 2009 li jistipula regoli dettaljati speċjali għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-liċenzji tal-esportazzjoni u r-rifużjonijiet tal-esportazzjoni għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib (ĠU L 318, 4.12.2009, p. 1).

([40]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1255/2010 tat-22 ta' Diċembru 2010 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-importazzjoni għall-prodotti "baby beef" li joriġinaw fil-Bosnja-Ħerzegovina, fil-Kroazja, f'dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, fil-Montenegro, fis-Serbja (ĠU L 342, 28.12.2010, p. 1).

([41]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1273/2011 tas-7 ta' Diċembru 2011 li jiftaħ u li jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti ta' tariffi għall-importazzjoni ta' ross u ross miksur (ĠU L 325, 8.12.2011, p. 6).

([42]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2012 tas-7 ta' Ġunju 2012 li jiftaħ u jipprovdi għat-tmexxija ta' kwota ta' tariffa għal ross miksur (broken rice) ta' kodiċi NM 10064000 għal produzzjoni ta' ħejjijiet tal-ikel ta' kodiċi NM 19011000 (ĠU L 148, 8.6.2012, p. 1).

([43]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1223/2012 tat-18 ta' Diċembru 2012 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-applikazzjoni ta' kwota ta' tariffa fuq l-importazzjoni ta' annimali bovini ħajjin ta' piż li jeċċedi l-160 kg u li joriġinaw mill-Iżvizzera kif previst fil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar kummerċ fi prodotti agrikoli (ĠU L 349, 19.12.2012, p. 39).

(UE) Nru 82/2013 ([44]), (UE) Nru 593/2013 ([45]), (UE) 2015/2076 ([46]), (UE) 2015/2077 ([47]), (UE) 2015/2078 ([48]), (UE) 2015/2079 ([49]), (UE) 2015/2081 ([50]) u (UE) 2017/1585 ([51]) huma mħassra.

Madankollu, dawk ir-Regolamenti u r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni għandhom ikomplu japplikaw għal-liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni li nħarġu fuq il-bażi tagħhom sal-iskadenza ta' dawk il-liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni.

Artikolu 26

Dispożizzjonijiet tranżitorji

Fl-ewwel żewġ perjodi tal-kwota tariffarja wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-awtorità li toħroġ il-liċenzji tista' tistabbilixxi l-kwantità referenzjali msemmija fl-Artikolu 9 skont ir-Regolamenti rilevanti mħassra elenkati fl-Artikolu 25.

Fejn f'wieħed jew fiż-żewġ perjodi tal-kwota tariffarja qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, kwota tariffarja li hija soġġetta għar-rekwiżit tal-kwantità referenzjali msemmi fl-Artikolu 9 ma tkunx intużat għalkollox, l-operaturi jistgħu jagħżlu li jistabbilixxu l-kwantità referenzjali tagħhom jew skont l-Artikolu 9(1) ta' dan ir-Regolament inkella billi jużaw l-aħħar żewġ perjodi ta' 12-il xahar preċedenti fejn il-kwota tariffarja ntużat kompletament.

Artikolu 27

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-perjodi tal-kwota tariffarja li jibdew mill-1 ta' Jannar 2021 'il quddiem.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([44]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 82/2013 tad-29 ta' Jannar 2013 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' kwota tariffarja għall-importazzjoni ta' ċanga mnixxfa bla għadam li ġejja mill-Isvizzera (ĠU L 28, 30.1.2013, p. 3).

([45]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 593/2013 tal-21 ta' Ġunju 2013 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji għaċ-ċanga friska ta' kwalità għolja, imkessħa u ffriżata, u għal-laħam tal-buflu ffriżat (ĠU L 170, 22.6.2013, p. 32).

([46]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2076 tat-18 ta' Novembru 2015 li jiftaħ u fih prevista l-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-importazzjoni tal-Unjoni tal-laħam tal-majjal frisk jew iffriżat li joriġina fl-Ukrajna (ĠU L 302, 19.11.2015, p. 51).

([47]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2077 tat-18 ta' Novembru 2015 li jiftaħ u fih prevista l-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-Unjoni fuq l-importazzjoni ta' bajd, prodotti tal-bajd u albumina li joriġinaw fl-Ukrajna (ĠU L 302, 19.11.2015, p. 57).

([48]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2078 tat-18 ta' Novembru 2015 li jwassal għall-ftuħ u l-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-Unjoni għall-importazzjoni tal-laħam tat-tajr li joriġina mill-Ukrajna (ĠU L 302, 19.11.2015, p. 63).

([49]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2079 tat-18 ta' Novembru 2015 li jwassal għall-ftuħ u l-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-importazzjoni tal-Unjoni ta' laħam taċ-ċanga u tal-vitella frisk jew friżat li joriġina fl-Ukrajna (ĠU L 302, 19.11.2015, p. 71).

([50]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2081 tat-18 ta' Novembru 2015 li jwassal għall-ftuħ u għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-Unjoni għall-importazzjoni ta' ċerti ċereali li joriġinaw mill-Ukrajna (ĠU L 302, 19.11.2015, p. 81).

([51]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1585 tad-19 ta' Settembru 2017 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-Unjoni għal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella u tal-majjal frisk u ffriżat li joriġina fil-Kanada u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 442/2009 u r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 481/2012 u (UE) Nru 593/2013 (ĠU L 241, 20.9.2017, p. 1).

ANNESS I

Mudell tad-dikjarazzjoni ta' indipendenza msemmija fl-Artikolu 12

Struzzjonijiet għall-mili tad-dikjarazzjoni

(1) Fil-kaxxa A, imla l-informazzjoni dwar il-kwota tariffarja li għaliha tapplika d-dikjarazzjoni ta' indipendenza.

(2) Fil-kaxxa B, immarka l-kaxxa applikabbli.

(3) Fil-kaxxa C, indika l-isem tal-operatur, in-numru EORI, id-data u l-post tal-firma, u inkludi l-firma tal-uffiċjal amministrattiv kompetenti tal-operatur (kap eżekuttiv).

A. **Kwota tariffarja kkonċernata**

Numru tal-ordni tal-kwota tariffarja	
Kodiċi(jiet) NM	
Oriġini tal-prodott(i) ([1])	

B. **Indipendenza tal-operatur**

L-applikant għan-numru tal-ordni tal-kwota tariffarja elenkat hawn fuq jiddikjara li:

1. L-applikant mhuwiex marbut, kif stabbilit fl-Artikolu 11 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760, ma' persuni ġuridiċi jew fiżiċi oħra li japplikaw għall-istess numru tal-ordni tal-kwota tariffarja.	il-kaxxa għandha tiġi mmarkata kif xieraq.
2. L-applikant huwa marbut, kif stipulat fl-Artikolu 11 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760, ma' persuni ġuridiċi jew fiżiċi oħra li japplikaw għall-istess numru tal-ordni tal-kwota tariffarja. L-applikant iwettaq regolarment attivitajiet ekonomiċi sostanzjali fir-rigward ta' partijiet terzi skont it-tifsira tal-Artikolu 11(3). L-applikant żvela l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li magħhom huwa marbut fis-sistema elettronika LORI skont l-Artikolu 11(4).	il-kaxxa għandha tiġi mmarkata kif xieraq.

C. **Id-dettalji tal-operatur**

Isem	
Numru EORI	
Data u post	
Firma	
Rwol tal-kumpanija tal-firmatarju	

([1]) Għandha timtela biss jekk l-oriġini tal-merkanzija hija element obbligatorju fl-applikazzjoni għal liċenzja.

ANNESS II

Informazzjoni li għandha tingħata fir-rigward tar-reġistrazzjoni obbligatorja preċedenti msemmija fl-Artikolu 13

EORI tal-operatur ekonomiku

Identità tal-operatur ekonomiku

►	Isem tal-kumpanija
►	Indirizz tal-kwartieri ġenerali: Isem tat-triq
►	Indirizz tal-kwartieri ġenerali: Numru tat-triq
►	Indirizz tal-kwartieri ġenerali: Kodiċi postali
►	Indirizz tal-kwartieri ġenerali: Belt
►	Indirizz tal-kwartieri ġenerali: Pajjiż
►	Indirizz tal-Uffiċċju operattiv: Isem tat-triq
►	Indirizz tal-Uffiċċju operattiv: Numru tat-triq
►	Indirizz tal-Uffiċċju operattiv: Kodiċi postali
►	Indirizz tal-Uffiċċju operattiv: Belt
►	Indirizz tal-Uffiċċju operattiv: Pajjiż
►	Numru tat-telefown
►	Indirizz tal-posta elettronika li għandu jintuża għall-komunikazzjoni mal-awtoritajiet li joħorġu l-liċenzji u l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri
►	Status ġuridiku
►	L-attività ekonomika prinċipali tal-operatur

Prova tal-attività ekonomika sostanzjali tal-operatur ekonomiku

►	Dokument mehmuż ta' silta mir-reġistru kummerċjali jew dokument ekwivalenti skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli
►	Dokument mehmuż tal-aħħar kontijiet annwali vverifikati (jekk applikabbli)
►	Dokument mehmuż tal-aħħar karta bilanċjali
►	Dokument mehmuż taċ-ċertifikat tal-VAT
►	Dokumenti addizzjonali li għandhom jittellgħu wara talbiet għal kjarifika li jaslu mill-awtorità li toħroġ il-liċenzji

Dikjarazzjoni ta' indipendenza skont l-Artikolu 12 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760

■	Lista tan-numri tal-ordni tal-kwoti tariffarji u deskrizzjoni qasira	Jekk jogħġbok agħżel "iva" jekk qed tapplika għall-kwota tariffarja, jew "le" jekk m'intix qed tapplika għall-kwota tariffarja.	Dikjarazzjoni ta' indipendenza li għandha tiġi mehmuża: jekk fil-kolonna ta' qabel inti għażilt "iva"
►	…		

Kwantità referenzjali

Jekk jogħġbok iddikjara l-kwantità referenzjali għall-kwoti tariffarji li ġejjin:

■	Numru tal-ordni tal-kwota tariffarja	Kwantità ta' referenza (f'kg)	Perjodu tat-TRQ li għalih tapplika l-kwantità referenzjali - Bidu tal-perjodu	Perjodu tat-TRQ li għalih tapplika l-kwantità referenzjali - Tmiem tal-perjodu
►				

Persuni tal-kumpanija li għandhom is-setgħa li jintroduċu applikazzjoni għal liċenzja f'isem l-operatur

L-operatur għandu jipprovdi l-lista ta' persuni tal-kumpanija bis-setgħa li jintroduċu applikazzjoni għal liċenzja f'ismu, għall-kwoti tariffarji elenkati hawn fuq.

■	Kunjom(ijiet)	Isem/ismijiet	Data tat-twelid	Post tat-twelid	Dokument tal-ID	Numru tal-Karta tal-ID/tal-Passaport	Dokumenti ta' sostenn għall-għoti tas-setgħa
►							

L-istruttura tas-sjieda ta' operatur ekonomiku

■	Tip ta' sjieda (l-operatur jimmarka l-għażla t-tajba)	

Jekk is-sid(ien) huwa/huma kumpanija:

■	Kumpanija EORI (jekk applikabbli)	Isem tal-kumpanija	Indirizz tal-kwartieri ġenerali: Isem tat-triq	Indirizz tal-kwartieri ġenerali: Numru tat-triq	Indirizz tal-kwartieri ġenerali: Kodiċi postali	Indirizz tal-kwartieri ġenerali: Belt	Indirizz tal-kwartieri ġenerali: Pajjiż	Numru tat-telefown	Indirizz tal-posta elettronika	Rwol fl-operatur (eż. is-sid waħdieni, is-sieħeb, l-azzjonist ewlieni (aktar minn 25 % tal-istokk jew tal-istokk ta' kontroll)…)	Reġistru kummerċjali
►											

Jekk is-sid(ien) ikun(u) persuna fiżika:

■	Kunjom(ijiet)	Isem/ismijiet	Data tat-twelid	Post tat-twelid	Dokument tal-ID	Numru tal-Karta tal-ID/tal-Passaport	Rwol fl-operatur (eż. is-sid waħdieni, is-sieħeb, l-azzjonist ewlieni (aktar minn 25 % tal-istokk jew tal-istokk ta' kontroll)…)
►							

L-operatur għandu jipprovdi informazzjoni dwar persuni ġuridiċi li japplikaw għall-kwoti tariffarji elenkati hawn fuq, li huma marbuta ma' dak l-operatur skont it-tifsira tal-Artikolu 11 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760

■	EORI tal-kumpanija	Isem tal-kumpanija	Indirizz tal-kwartieri ġenerali: Isem tat-triq	Indirizz tal-kwartieri ġenerali: Numru tat-triq	Indirizz tal-kwartieri ġenerali: Kodiċi postali	Indirizz tal-kwartieri ġenerali: Belt	Indirizz tal-kwartieri ġenerali: Pajjiż	Numru tat-telefown	Indirizz tal-posta elettronika	Status ġuridiku	Rabta
►											

L-operatur għandu jipprovdi informazzjoni dwar persuni fiżiċi li japplikaw għall-kwoti tariffarji elenkati hawn fuq, li huma marbuta ma' dak l-operatur skont it-tifsira tal-Artikolu 11 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760

■	Kunjom(ijiet)	Isem/ismijiet	Data tat-twelid	Post tat-twelid	Dokument tal-ID	Numru tal-Karta tal-ID/tal-Passaport	Rabta
►							

L-istruttura ta' ġestjoni tal-operatur ekonomiku

Jekk jogħġbok elenka l-persuni li għandhom kariga bħala membru tal-bord tad-diretturi/Uffiċjal Eżekuttiv Prinċipali/Uffiċjal Finanzjarju Ewlieni (jekk applikabbli) jew rwoli analogi fl-istruttura tal-ġestjoni tal-operatur. Jekk jogħġbok kun żgur li d-*data* fit-tabella ta' hawn taħt hija konsistenti mal-informazzjoni pprovduta fid-dokumenti ppreżentati bħala prova ta' attività ekonomika sostanzjali. Fil-każ li t-tabella ta' hawn taħt timtela b'informazzjoni skorretta jew mhux kompluta, japplikaw il-penali previsti fl-Artikolu 15 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760

■	Kunjom(ijiet)	Isem/ismijiet)	Data tat-twelid	Post tat-twelid	Dokument tal-ID	Numru tal-Karta tal-ID/tal-Passaport	Funzjoni fil-kumpanija
►							

Sabiex tipproċedi bl-applikazzjoni tiegħek għar-reġistrazzjoni, għandek taqbel mad-dikjarazzjonijiet li ġejjin:

(1) L-informazzjoni pprovduta hija korretta, kompluta u aġġornata. Jiena konxju li l-penali pprovduti fl-Artikolu 15 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760 japplikaw fil-każ li l-informazzjoni pprovduta tkun skorretta, mhux kompluta jew mhux aġġornata.

(2) Jien naqbel li l-informazzjoni tkun żvelata lill-Kummissjoni, lill-awtoritajiet doganali u lill-awtoritajiet li joħorġu l-liċenzji tal-Istati Membri.

(3) Jiena nwiegħed li se nippreżenta informazzjoni aġġornata fil-każ ta' bidliet fl-istruttura tal-entità ġuridika, fil-ħin u skont l-Artikoli 12 u 13 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760.

■	**Jekk jogħġbok ikkonferma li taqbel mat-tliet dikjarazzjonijiet t'hawn fuq:**	